



## Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-484/21

F C C

u

M A B

vs

Caixabank SA

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-Juzgado de Primera Instancia de Barcelona)

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-25 ta' April 2024**

“Rinvju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli ingħusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Kuntratt ta' self ipotekarju – Klawżola li tipprevedi li l-ispejjeż marbuta mal-kuntratt għandhom jitħallsu mill-konsumatur – Deċiżjoni ġudizzjarja definittiva li tikkonstata n-natura ingħusta ta' din il-klawżola u li tannullaha – Azzjoni għall-ħlas lura tas-somom imħallsa abbażi tal-klawżola ingħusta – Bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni”

1. *Protezzjoni tal-konsumaturi – Klawżoli ingħusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Direttiva 93/13 – Mezzi intiżi li jitwaqqaf l-użu ta' klawżoli ingħusti – Kuntratt ta' self ipotekarju – Klawżola li timponi fuq il-konsumatur il-ħlas tal-ispejjeż relatati mal-konklużjoni tal-kuntratt – Azzjoni għal restituzzjoni – Terminu ta' preskrizzjoni – Bidu tad-dekorrenza – Data tal-ħlas tal-ispejjeż imħallsa abbażi ta' klawżola ddikjarata ingħusta permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja definittiva sussegwenti għal dan il-ħlas – Assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-ġharfien mill-konsumatur tan-natura ingħusta tal-klawżola – Inammissibbiltà (Direttiva tal-Kunsill 93/13, Artikoli 6(1) u 7(1))*

(ara l-punti 31 sa 38, u d-dispożittiv 1)

2. *Protezzjoni tal-konsumaturi – Klawżoli ingħusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Direttiva 93/13 – Mezzi intiżi li jitwaqqaf l-użu ta' klawżoli ingħusti – Kuntratt ta' self ipotekarju – Klawżola li timponi fuq il-konsumatur il-ħlas tal-ispejjeż relatati mal-konklużjoni tal-kuntratt – Azzjoni għal restituzzjoni – Terminu ta' preskrizzjoni – Bidu tad-dekorrenza – Deċiżjoni ġudizzjarja definittiva li tikkonstata n-natura ingħusta tal-imsemmija klawżola – Data ta' deċiżjoni preċedenti ta' qorti suprema, mogħtija f'kawża separata u li ddikjarat ingħusta klawżola standardizzata li tikkorrispondi għall-imsemmija klawżola – Inammissibbiltà (Direttiva tal-Kunsill 93/13, Artikoli 6(1) u 7(1))*

(ara l-punti 41 sa 47, u d-dispożittiv 2)

Ara t-test tad-deċiżjoni.